

Brussell, 29 ta' Novembru 2018  
(OR. en)

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2017/0168(NLE)

---

12399/17  
ADD 1

VISA 364  
COAFR 255

## ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles, li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir  
- Dikjarazzjoni tal-Unjoni

### DIKJARAZZJONI TAL-UNJONI DWAR ID-DĦUL FIS-SEĦĦ TAR-REGOLAMENT (UE) 2017/2226 LI JISTABILIXXI S-SISTEMA TA' DĦUL/ĦRUĠ (EES)

#### U L-ISTATI MEMBRI LI JAPPLIKAW L-ACQUIS TA' SCHENGEN BIS-SĦIĦ

Ir-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2017 li jistabilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata data dwar id-dħul u l-ħruġ u data dwar iċ-ċaħda tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u li jiddetermina l-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u (UE) Nru 1077/2011 daħal fis-seħħ fid-29 ta' Diċembru 2017.

Bħala konsegwenza, sa mid-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/2226<sup>1</sup>, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, l-Istati Membri li japplikaw l-*acquis* ta' Schengen bis-sħiħ ser ifisser l-Istati Membri li joperaw is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ fil-fruntieri esterni. Il-perijodu massimu ta' 90 jum fi kwalunkwe perijodu ta' 180 jum ser jiġi kkalkulat b'kont meħud tal-perijodu ta' soġġorn fl-Istati Membri kollha li joperaw is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ fil-fruntieri esterni.

---

<sup>1</sup> Id-data tal-applikazzjoni ser tiġi deċiża mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 73 tar-Regolament (UE) 2017/2226.